

b) in-nuqqas ta' tassazzjoni tat-tranżazzjoni;

u liema rilevanza għandu fuq din il-kwistjoni l-prinċipju ta' newtralità fiskali?

(<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 347, p. 1

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (Ir-Renju Unit) fit-28 ta' Ottubru 2016 – Kubota (UK) Limited, EP Barrus Limited vs Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs**

**(Kawża C-545/16)**

(2017/C 014/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Kubota (UK) Limited, EP Barrus Limited

Konvenut: Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

**Domandi preliminari**

- 1) Ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/221 (<sup>1</sup>) dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda huwa invalidu sa fejn huwa jikklassifika l-vetturi speċifikati fir-Regolament taħt il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) 8704 21 91 u mhux il-kodiċi tan-NM 8704 10?
- 2) B'mod partikolari, ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/221 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda huwa invalidu sa fejn huwa: jirrestrinġi indebitament l-ambitu tas-subintestatura 8704-10; jieħu inkunsiderazzjoni fatturi inammissibbli; huwa intrinsikament inkonsistenti; ma jhux inkunsiderazzjoni b'mod xieraq in-noti ta' spjega, tal-intestaturi tan-NM u tar-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM; u/jew ma jhux inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti rilevanti identifikati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-intestatura 8704 10 tan-NM?

(<sup>1</sup>) Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/221, tal-10 ta' Frar 2015, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 37, p. 1).

---

**Appell ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2016 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fil-15 ta' Settembru 2016 fil-Kawża T-386/14, Fih Holding u Fih Erhversbank vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-579/16 P)**

(2017/C 014/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, K. Blanck-Putz, A. Bouchagiar, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: FIH Holding A/S, FIH Erhversbank A/S

**Talbiet**

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) mogħtija fil-15 ta' Settembru 2016, innotifikata lill-Kummissjoni fis-16 ta' Settembru 2016, fil-Kawża T-386/14, Fih Holding u Fih Erhvervsbank vs Il-Kummissjoni;
- tiddeċiedi hija stess dwar ir-rikors fl-ewwel istanza u tiċħdu bħala infondat fid-dritt; u
- tikkundanna lill-partijiet l-oħra, rikorrenti fl-ewwel istanza, għall-ispejjeż.

Sussidjarjament, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) mogħtija fil-15 ta' Settembru 2016, innotifikata lill-Kummissjoni fis-16 ta' Settembru 2016, fil-Kawża T-386/14, Fih Holding u Fih Erhvervsbank vs Il-Kummissjoni;
- tirrinvoja l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex teżamina t-tieni motiv fl-ewwel istanza; u
- tirriżerva l-ispejjeż tal-proċedura fl-ewwel istanza u tal-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonkludiet li, sabiex tistabilixxi li l-miżuri tal-2012 kienu jinkludu għajna mill-Istat, il-Kummissjoni kien messha applikat il-kriterju tal-kreditur f'ekonomija tas-suq fid-dawl tal-ispejjeż li d-Danimarka kienet iġġarrab kieku ma adottatx dawn il-miżuri. Din il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali tikkostitwixxi żball ta' liġi, peress li l-ispejjeż inkwistjoni huma konsegwenza diretta tal-għajna mill-Istat mogħtija preċedentement mid-Danimarka lil FIH, u minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tieħu inkunsiderazzjoni tali spejjeż meta tivverifika jekk Stat Membru aġixxiex bħalma kien jagħmel operatur f'ekonomija tas-suq.

---